6 ta' Ġunju, 1955

Imħallfin :—
Is-S.T.O. Sir L. A. Camilleri, Kt., LL.D., *President;*
Onor. Dr. A. J. Montanaro Gauci, C.B.E., LL.D.;
Chev. Onor. Dr. W. Harding, B.Litt., LL.D.

Mary Gatt *versus* Onor. Edgar Cuschieri, C.B.E., ne.

**Provi — Xhieda kontra l-Miktub — "Files" dipartimentali — Art. 637(3) tal-Kodiċi tal-Proċedura Ċivili.**

*Ir-regola "contra testimonium scriptum testimonium non scriptum non fertur" ma hix assoluta, imma ssofri eċċezzjoni f'ċerti każi; u skond il-ġurisprudenza l-aktar reċenti, il-prinċipji li għandhom jiġu segwiti f'din il-materja huma dawn: 1. Meta l-ftehim ikun ġie inkorporat fi skrittura, għandu jiġi preżunt li dak li riedu jiftehmu fuqu l-partijiet ġie mniżżel f'dik l-iskrittura; b'mod li ma jistax ikun leċitu li wieħed mill-kontraenti jinkludi f'dak il-ftehim klawsoli oħra li mill-kitba ma jirriżultawx, jekk ma jkunux klawsoli sekondarji li jkunu qegħedin ifissru jew jiċċaraw il-klawsoli prinċipali; 2. Provi orali huma ammissibili biex jiġu diluċidati xi punti oskuri tal-kitba, jew f'każi ta' impunjazzjoni ta' dik il-kitba; iżda ma humiex ammissibili biex ifissru dak li fih in-nifsu hu diġà ċar; 3. Provi orali kontra l-miktub huma ammissibili meta jiġu offerti biex tiġi mfissra aħjar l-intenzjoni tal-kontraenti, u meta dik l-intenzjoni tkun ġiet espressa b'mod ambigwu u oskur, u anki meta jrid jiġi pruvat xi fatt inċidentali jew aċċessorju li jkun konċiljabili ma' l-att; 4. Ir-regola ta' l-inammissibilità tal-provi testimonjali kontra l-miktub tibqa' sseħħ sakemm il-Qorti ma tkunx persważa illi hemm żball fil-kuntratt, jew li tħalla barra xi patt għal xi raġuni speċjali.*

*Id-dispożizzjoni tal-liġi li tgħid li ma tistax tintalab l-eżibizzjoni ta' ittri, dispaċċi jew karti oħra, li jiffurmaw parti minn "file" dipartimentali, tapplika anki f'dawk il-kawżi fejn il-Gvern ikun parti.*

Il-Qorti; — Fuq l-inċident li qam quddiem l-Ewwel Qorti, u li ġie verbalizzat fis-seduta ta' l-10 ta' Jannar, 1955 (fol. 59);

Rat id-deċiżjoni mogħtija minn dik il-Qorti fl-14 ta' Marzu, 1955, li biha, prevja revoka "contrario imperio" tad-digriet ta' l-4 ta' Jannar, 1955, irrespinġiet it-talba għall-produzzjoni ta' l-istess xhieda, bl-ispejjeż ta' l-inċident għakkariku ta' l-attriċi; wara li kkunsidrat;

Illi għas-seduta fuq indikata l-attriċi kienet inġunġiet xhieda biex bihom tipprova, kif in segwitu ddikjarat, is-sinifikat li għandu jingħata lill-ftehim li sar bejnha u l-konvenut fis-sena 1943, u amplijat sussegwentement, jiġifieri wara li l-fond imsemmi fiċ-ċitazzjoni kien ġie rikostruwit, billi l-ewwel jiġi pruvat il-ftehim li qabel kien hemm ma' ħaddieħor, u komparat ma' dak li sar bejn il-kontendenti, u l-eżekuzzjoni ta' l-istess ftehim fil-fatt ma' ħaddieħor. Il-konvenut oppona ruħu għall-produzzjoni tax-xhieda inġunti mill-attriċi; in kwantu għat-Teżorier tal-Gvern, għaliex dana ma jistax ikun obligat jipproduċi "files"; inkwantu għall-istess xhud u x-xhieda l-oħra inġunti, għaliex dak li sar bejn il-Gvern u terzi persuni, anki jekk sar fis-sens pretiż mill-attriċi, ma jistax jittieħed bħala regola obligatorja bejn il-Gvern u l-attriċi; dan apparti u indipendentement mill-fatt li, billi l-ftehim sar bil-miktub, ma jistgħux jinġiebu provi orali ħlief fis-sens u fil-limiti stabbiliti fil-ġurisprudenza;

Illi l-iskop ta' l-attriċi biex jinstemgħu x-xhieda u jinġiebu d-dokumenti kif minnha mitlub hu dak, kif minnha mfisser fin-noti tagħha, waħda tat-23 ta' Ġunju, 1954 (fol. 34), u l-oħra ta' l-24 ta' Jannar, 1955, (fol. 64), "biex ikun jista' iżjed jiġi determinat u preċiżat il-ftehim li interċeda bejn il-kontendenti fl-1943, bażi ta' l-azzjoni preżenti". Minn dan jidher illi l-attriċi taqbel illi l-bażi ta' din l-azzjoni hu l-ftehim fuq imsemmi li sar fis-sena 1943, jiġifieri l-ittra tal-konvenut mibgħuta lill-attriċi fit-22 ta' Ottubru, 1943 (fol. 7),

b'risposta għall-ittra *ta' l-attriċi* mibgħuta minnha lill-konvenut fit-23 ta' Settembru, 1943 (fol. 9, 17). Kif tajjeb jissottometti l-konvenut, l-attriċi ma tippretendix illi f'dik l-ittra kien hemm xi żball jew xi vizzju ieħor tal-kuntrattazzjoni. Lanqas ma tippretendi l-attriċi illi dik l-ittra, bażi ta' l-imsemmi ftehim, inhijiex ċara. Anzi l-attriċi taqbel ukoll illi x-xhieda minnha ingunti, b'eċċezzjoni tal-konvenut, ma kellhom ebda parti fil-ftehim li ssemma. Konsegwentement, hu biss mill-kitba ta' dik l-ittra illi għandu jirriżulta x'kien il-ftehim, u ma hemmx lok li jiġi iżjed determinat u preċiżat, ladarba ġa jinsab determinat u preċiżat dak il-ftehim, la b'komparazzjoni ta' ftehim li l-konvenut seta għamel ma' ħaddieħor, divers minn dak li għamel ma' l-attriċi, u lanqas b'eżekuzzjoni li l-konvenut seta' għamel ta' dak il-ftehim ma' ħaddieħor diversament għal dak li kien ftiehem magħhom;

Illi f'dawn iċ-ċirkustanzi, apparti kwistjonijiet oħra li ma jidherx li hemm bżonn illi jiġu eżaminati, mhux il-każ illi jiġi ndagat, permezz tax-xhieda u d-dokumenti mitluba mill-attriċi, la x'kienet *il-fehma* tal-Gvern meta kiteb dik l-ittra, la x'kienet u x'baqgħet il-"policy" tal-Gvern rigward il-kiri ta' ħwienet proprjetà tiegħu, u lanqas it-trattament pretiż adoperat mill-Gvern fl-istess kiri bejnu u persuni oħra, tant fil-ftehim kemm fl-eżekuzzjoni tiegħu;

Illi għalhekk it-talba ta' l-attriċi għall-produzzjoni tax-xhieda u d-dokumenti fuq imsemmijin, għall-iskop minnha mfisser fis-sedута ta' l-10 ta' Jannar, 1955, ma tistax tiġi milqugħa;

Rat ir-rikors quddiem din il-Qorti ta' l-attriċi, li talbet li l-imsemmija deċiżjoni ta' l-14 ta' Marzu, 1955, tiġi revokata, billi din il-Qorti tiddikjara *produċibili* l-provi mill-istess attriċi offerti, u tordna l-produzzjoni tagħhom taħt il-provvedimenti li jidhrilha xierqa; bl-ispejjeż kontra l-konvenut nomine;

*Omissis;*

Ikkunsidrat;

Illi r-regola "contra testimonium scriptum testimonium non scriptum non fertur" ma għandhiex tittieħed fis-sens assolut, billi ssofri eċċezzjoni f'ċerti każi; u skond il-ġurispru-

denza l-aktar reċenti (Appell 12 ta' Marzu, 1951, in re "Blackmann vs. Apap Bologna", u 6 ta' Mejju, 1952, in re "Morana vs. Nutar Spiteri et."), il-prinċipji li għandhom jiġu segwiti f'din il-materja huma dawn li ġejjin :—

1. Meta l-ftehim ikun ġie nkorporat fi skrittura, għandu jiġi preżunt li dak li riedu jiftehmu ġuqu ġie mniżżel f'dik l-iskrittura. Għalhekk ma jistax ikun leċitu li wieħed mill-kontraenti jinkludi f'dak il-ftehim klawsoli oħra li mill-kitba ma jirriżultawx, jekk ma jkunux klawsoli sekondarji li jkunu qegħedin ifissru jew jiċċaraw il-klawsoli prinċipali (Appell 31 ta' Mejju, 1943, in re "Farrugia vs. Piscopo", Kollez. Vol. XXXI, parte I, paġ. 627);

2. Provi orali huma ammissibili biex jiġu diluċidati xi punti oskuri tal-kitba, jew f'każi ta' impunjazzjoni ta' dik il-kitba; iżda mhumiex ammissibili biex ifissru dak li fih innifsu hu digà ċar (Appell 26 ta' Mejju, 1941, in re "Attard vs. Mamo", Kollez. Vol. XXXI, parte I, paġ. 441);

3. Provi orali kontra l-miktub huma ammissibili meta jiġu offerti biex tiġi mfissra aħjar l-intenzjoni tal-kontraenti, u meta dik l-intenzjoni tkun ġiet espressa b'mod ambigwu jew oskur, u anki meta jrid jiġi pruvat xi fatt inċidentali jew aċċessorju li jkun konċiljabili ma' l-att (Appell 17 ta' Jannar, 1917, in re "Muscat vs. Fiteni", Kollez. Vol. XXIII-I-870, u 20 ta' Jannar, 1930, in re "Rizzo vs. Anastasi");

4. Ir-regola ta' l-inammissibilità tal-provi testimonjali kontra l-miktub tibqa' sakemm il-Qorti ma tkunx persważa illi hemm żball fil-kuntratt, jew li tħalla barra xi patt għal xi raġuni speċjali; billi f'każi simili l-prinċipji bażati fuq il-ġustizzja u l-ekwità għandhom ikunu supremi (Appell 15 ta' Diċembru, 1947, in re "Mercieca vs. Pace", Kollez. Vol. XXXIII, parte I, paġ. 603);

Ikkunsidrat;

Illi l-iskop ta' l-appellanti għall-produzzjoni tax-xhieda u d-dokumenti mitlubin bir-rikors tagħha ta' l-4 ta' Jannar, 1955 (fol. 51), huwa "biex ikunu jista' jiġi iżjed determinat u preċiżat il-ftehim li interċeda bejn il-kontendenti fl-1943, bażi ta' l-azzjoni preżenti". Il-konvenut appellat oppona ruħu għal dik it-talba, tant għaliex it-Teżorier tal-Gvern ma jistax

jiġi obligat jipproduċi "files" (art. 637 (3) tal-Kodiċi tal-Proċedura Civili), kemm għaliex dak li sar bejnu u l-Gvern u terzi persuni, fis-sens pretiż mill-appellanti, ma jorbotx lill-Gvern fir-relazzjoni tiegħu magħha, kif ukoll għaliex il-ftehim bejn il-kontendenti sar bil-miktub, u għalhekk il-provi orali jistgħu jiġu ammessi biss fis-sens u fil-limiti stabbiliti mill-ġurisprudenza;

Ikkunsidrat;

Illi b'ittra tat-23 ta' Settembru, 1943, (fol. 17) l-appellanti fissret lill-Gvern li hija kienet il-proprjetarja ta' l-istabiliment "Derby House, no. 265, Kingsway, Valletta, li dan il-post kien ilu f'idejha iżjed minn tletin sena, u li kien ġie distrutt fid-29 ta' April, 1941, bil-ħidma tal-għadu, u wriet ix-xewqa tagħha li żżomm id-dritt tal-post għal meta jerġa' jinbena; u għalhekk xtaqet tkun taf xi drittijiet kellha tħallas fis-sena. Għal dik l-ittra ta' l-appellanti l-konvenut nomine rrisponda b'oħra tat-22 ta' Otturbru, 1943 (fol. 18), li hija tat-tenur segwenti: "With reference to your letter of the 23rd ultimo, asking for permission to retain the tenancy of premises at no. 265, Kingsway, Valletta, at a reduced rent, I have the honour to inform you that your request is acceded to, without prejudice to the operation of all the conditions of the original contract, in so far as they may still apply, and to the provisions of articles 9 and 13 of the Reletting of Urban Property Ordinance, 1931; and further, on condition that the tenancy shall, after the termination of the running period of the contract, be from quarter to quarter, and that, should the Government at any time while this present agreement is in force find it necessary to alter the plan of the site or the tenure on which it is now held, you will have no right to the lease, or to any compensation other than the refund without interest of the nominal rent which you will have paid. 2. The nominal rent payable by you is £2.10.0 per annum, payable quarterly in advance, from the date on which the building was demolished";

L-appellanti, kif jidher minn noti tagħha fil-fol. 34 u 64 tal-proċess, qegħedha timpernja l-azzjoni preżenti fuq il-ftehim li sar bejnha u bejn l-appellant nomine bl-ittra fuq riportata tat-22 ta' Ottubru, 1943; u bir-rikors tagħha ta' l-4 ta' Jannar, 1955 (fol. 51) talbet li tiġi awtorizzata tressaq xhieda u dokumenti biex ikun jista' jiġi determinat u preċiżat aħjar dak il-ftehim;

Ikkunsidrat;

Illi l-appellanti mhix qegħda tallega li l-ittra fuq imsemmija tikkontjeni xi klawsoli oskuri jew ambigwi, jew li bejn il-kontendenti fl-okkażjoni ta' dik l-iskrittura kien hemm xi patti oħra inċidentali jew aċċessorji mhux konċiljabili mal-ftehim fiha kontenut. Lanqas ma hi qegħdha timpunja dik il-kitba minħabba simulazzjoni jew vizzju ieħor. Għandu jiġi ritenut, għalhekk, li l-ftehim bejn il-kontendenti jinsab inkorporat f'dik l-iskrittura, u li, billi l-kontenut tagħha huwa fih innifsu ċar, il-prova testimonjali biex tiġi dilucidata mhix ammissibili. Konsegwentement, skond il-ġurisprudenza fuq ċitata, hu biss mill-kontenut ta' dik l-ittra li għandu jirriżulta x'kien il-ftehim bejn il-kontendenti. Kwantu għall-provi dokumentali li l-appellanti talbet li tiġi awtorizzata tressaq, dawn jikkonsistu f'"files" dipartimentali, li għall-produzzjoni tagħhom tosta d-dispożizzjoni ta' l-art. 637 (3) tal-Kodiċi tal-Proċedura Civili, li jistabbilixxi li "ma tistax tintalab l-eżibizzjoni ta' ittra, dispaċċi, jew karti oħra li jagħmlu sehem minn korrispondenza ta' dipartiment tas-servizz publiku ċivili ...... jew ta' rapport ta' dan id-dipartiment";

Is-sottomissjoni ta' l-appellanti, li din id-dispożizzjoni talliġi ma tapplikax meta l-Gvern ikun parti fil-kawża mhix aċċettabili; għaliex l-imsemmija dispożizzjoni hija ta' indoli ġenerali, applikabili għall-każi kollha, u "ubi lex non distinguit nec nos distinguere debemus";

Ikkunsidrat;

Illi għar-raġunijiet fuq miġjuba d-deċiżjoni appellata jistħoqqilha tiġi konfermata;

Għaldaqshekk;

*Tirrespingi l-appell u tikkonferma l-imsemmija* deċiżjoni, mogħtija mill-Prim'Awla tal-Qorti Ċivili tal-Maestà Tagħha r-Reġina fl-14 ta' Marzu, 1955; bl-ispejjeż kontra l-attriċi appellanti.